# 20. Ix-Xewk

Ġo għalqa mhix maħduma, qalb il-ġebel
u x-xaħx u t-torba kiber qawwi u f'saħħtu
u bil-eluf, u żegħed bil-ward safrani,
bajdan u vjola.

Għalkemm sura ta' linef ħadranija,
– kull brazz mimli bix-xama' abjad u vjola
jew isfar kark – kulħadd għaddej jistkerrhu,
u ġewwa qalbu

Jixtieq li kieku jaħsdu minn ġol-għalqa.
Puh! għajtet tfajla, mort biex naqta' warda,
tniggist u mtlejt bix-xewk, u f'tarf il-warda
ġieni stallett.

Meta n-nies riedu jagħmlu għajb u jaħqru
lil Dak li qal li hu Sultan Bin Alla
tax-xewk għamlu kuruna u deffuhielu
bid-daħk ġo rasu.

Kulħadd lix-xewk jistkerrah, iżda l-friefet,
bħal qabda anġli żgħar fuq ġwienaħ bojod,
fuqu jittajru u minn ġo qalbu jsoffu
il-għasel bnin.